Tiżjin bid-dawl ta' żmien il-Milied fil-Pjazza tal-Balluta, il-Pjazza ta' Spinola u fuq il-pont li jagħti għall-Knisja l-ġdida ta' Lapsi minn Triq Wied Għomor.

Il-kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq kif stipulat.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

It-30 ta' Novembru, 2004

SAN ĠILJAN LOCAL COUNCIL

The San Ġiljan Local Council notifies that:-

Sealed quotations marked "Quotation for Christmas Street Lighting" will be received in the Quotation Box at the Council's office by not later than 2.30 p.m. of Monday, 6th December, 2004, for:-

Christmas street lighting at Pjazza Balluta, il-Pjazza Spinola and the bridge leading to the St. Julian's Parish Church from Triq Wied Għomor.

Quotations will be opened in the public immediately after the closing time stipulated.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

30th November, 2004

KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali Siġġiewi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, is-27 ta' Diċembru, 2004, fil-kaxxa ta' l-offerti tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. LCS 50/04. Provvista ta' *cold asphalt*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. LCS 53/04. Servizz ta' *Internet Centre Manager*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta/speċifikazzjonijiet jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi QRM 14.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fil-ġurnata u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża. L-offerti kkonsenjati wara l-ħin stipulat ma jiġux ikkunsidrati.

It-30 ta' Novembru, 2004

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Council's tender box up to noon of Monday, 27th December, 2004, for:-

Advt. No. LCS 50/04. Supply of cold asphalt.

A fee of Lm20 is to be paid for every copy of tender document.

Advt. No. LCS 53/04. Service of an Internet Centre Manager.

A fee of Lm10 is to be paid for every copy of tender document.

Tender documents/conditions may be collected from the Council's offices, 20, Pjazza San Nikola, Siġġiewi QRM 14.

Tenders will be opened in public on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous tender. Late tenders will not be accepted.

30th November, 2004

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1630

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet tat-23 ta' Novembru, 2004 ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att ta' Żwieġ ta' Helen Scerri li jġib in-numru 230 tas-sena 1964 fis-sens illi kull fejn jidher fiċ-ċertifikat hawn fuq imsemmi l-kunjom "Xerri" jiġi kanċellat u sostitwit bil-kunjom "Scerri".

Illum, 23 ta' Novembru, 2004

CARMEL MUSCAT
Għar-Reġistratur tal-Qorti
tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 23rd day of November 2004, ordered the correction of the Act of Marriage of Helen Scerri bearing number 230 of the year 1964 in the sense that anywhere in the above mentioned act of Marriage the surname "Xerri" be cancelled and be substituted with the surname "Scerri".

This, 23rd day of November, 2004

CARMEL MUSCAT
F/Registrar of the Court
of Revision of Notarial Acts

1631

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Novembru 2004, Ċitazzjoni numru 679/99, Saviour sive Aldo Portelli vs Francis Portelli, ordnat issegwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joanna Portelli, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell Ċitazz. Numru 679/99 Saviour sive Aldo Portelli vs Francis Portelli et, ir-rikorrenti Saviour sive Aldo Portelli, espona bir-rispett:

Illi fis-16 ta' Ġunju 2003 miet il-konvenut George Portelli kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt illi jinsab hawn anness u mmarkat bħala dokument GP1.

Illi kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati bħala dokumenti GP2-GP3, George Portelli għamel testament flimkien ma' martu Dolores Portelli, fit-8 ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar hawn anness u mmarkat bħala dokument GP 4, fejn waqt illi flewwel artikolu indikaw illi huma qed iħassru u jirrevokaw kwalunque testament ieħor illi għamlu ħallew bħala eredi universali fil-ħames artikolu ta' l-istess testament lil uliedhom Dottor Frank Portelli u Joanna Portelli.

Illi Dott. Frank Portelli u Joanna Portelli diġà huma konvenuti f'din il-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan bħala eredi ta' ommhom Dolores Portelli.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza t-trasfużjoni tal-ġudizzju minħabba l-mewt ta' George Portelli u dan sabiex il-kawża tgħaddi għall-werrieta ta' l-istess George Portelli li huma Dottor Frank Portelli u Joanna Portelli salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa sewwa u xierqa.

In virtu ta' l-istess digriet tat-23 ta' Novembru 2004, qed jiġi notifikat ir-rikors ta' l-Appell hawn taħt riprodott, kif awtorizzat b'dan l-istess digriet hawn ċitat.

Permezz ta' rikors ta' Appell, ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2003, Ċit. Numru 679/99 RCP, Saviour sive Aldo Portelli vs Francis Portelli, u b'digriet ta' l-4 ta' Novembru 2004 stante l-mewt ta' George Portelli fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Dottor Frank Portelli u Joanna Portelli bħala l-werrieta ta' l-istess George Portelli, u Joseph Portelli u għal kull interess li jista' jkollhom Joanna u l-Avukat Dottor Frank aħwa Portelli.

Illi permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Novembru 2003, dik l-Onorabbli Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Dott. Frank Portelli

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 23rd November 2004, Writ of Summons number 679/99, Saviour sive Aldo Portelli vs Francis Portelli, ordered the following publication for the purpose of service of Joanna Portelli, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal Writ of Summons Number 679/99 Saviour sive Aldo Portelli vs Francis Portelli et, the applicant Saviour sive Aldo Portelli, pleaded with respect:

That on the 16th June 2003 the defendant George Portelli died as results from the death certificate which is hereby attached and marked document GP1.

That as results from the searches of wills hereby attached and marked documents GP2-GP3, George Portelli made a will together with his wife Dolores Portelli, on the 8th September 1996 in the records of Notary Dr George Cassar hereby attached and marked as document GP 4, whereby whilst they revoked and cancelled all previous wills they left as their universal heirs in virtue of the fifth article of the same will their children Dr Frank Portelli and Joanna Portelli.

That Dr Frank Portelli and Joanna Portelli are already defendants in this cause in the names above premised and this as heirs of their mother Dolores Portelli.

Thus the applicant prays with respect that this Honorable Court orders that the records of the case due to the death of George Portelli be transferred onto the heirs of the same George Portelli who are Dr Frank Portelli and Joanna Portelli saving any other provision that this Honourable Court deems fit and opportune.

In virtue of the same decree of the 23rd November 2004, the application of Appeal hereunder reproduced is being notified in virtue of the decree mentioned.

By means of an Application of Appeal filed on the 16th December 2003, Writ of Summons Number 679/99RCP, Saviour sive Aldo Portelli vs Francis Portelli, and by decree of the 4th November 2004 following the death of George Portelli during the proceedings, the records were transferred in the name of Dr Frank Portelli and Joanna Portelli as heirs of the same George Portelli, and Joseph Portelli and for any interest they may have Joanna and Advocate Dr Frank sister and brother Portelli.

That in virtue of a judgment of the First Hall of the Civil Court decided on the 27th November 2003, that Honourable Court upheld the plea of the defendant Dr Frank Portelli and

u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenuti rigward l-ewwel żewġ talbiet attriċi u laqgħathom fir-rigward tat-talbiet numri (3) (4) u (5) u għalhekk laqgħet l-ewwel żewġ talbiet attriċi biss u ċaħdet it-talbiet numru (3) (4) u (5) u għalhekk iddeċidiet illi l-komproprjetarji aħwa Portelli huma responsabbli għall-ispejjeż meħtieġa biex isiru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija fil-partijiet komuni (inkluż il-lift) ta' l-imsemmi korp ta' appartamenti.

.....Omissis.....

bl-eċċezzjoni ta' l-istallar tat-three phase service għal-lift li għandha ssir a spejjeż tal-konvenut Francis Portelli peress illi huwa qala' l-istess.

.....Omissis.....

Illi l-attur ħassu aggravat mill-imsemmija sentenza u għalhekk qed jinterponi l-imsemmi appell minnha.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej:

Il-fatti

Illi meta nfetħet il-kawża odjerna l-attur kien is-sid taż-żewġ appartamenti i nternament numerati wieħed (1) u ħamsa (5) rispettivament formanti parti minn korp ta' beni bl-isem Jofgal Court, "A' fi Triq Mazzola, Buġibba u konsistenti fi blokk ta' sitt appartamenti, bil-partijiet komuni, filwaqt li l-konvenuti George, Joseph u Francis Portelli kienu s-sidien ta' l-appartamenti l-oħra.

.....Omissis.....

a) B'obbligu li kull erba' snin b'effett mill-ewwel ta' Jannar 1979 għandhom jiġu dekorati l-partijiet ta' l-imsemmija blokk ta' flats kif ukoll tal-faċċata ta' l-istess blokk li għandhom jkollhom l-istess colour scheme u liema colour scheme tkun tista' tinbidel biss f'każ li jkun hemm ftehim unanimu tal-proprejtarji ta' l-istess flats u garages. Bl-obbligu li l-ispiża għandha tiġi sopportata mill-komproprjetarji pro rata kull wieħed skond il-parti tiegħu; b'mod li minn Jannar sa Ġunju tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin għandha ssir l-ewwel dekorazzjoni u wara l-obbligu jkompli kif fuq imsemmi.

b) Bl-obbligu li jħallsu s-sehem mit-tiswijiet u manutenzjoni tal-lift fil-blokk li għaliha kienet ġiet inkarigata d-ditta Michael Vella Ltd, Blata l-Bajda.

.....Omissis.....

freed him from the observance of the judgment and rejected all the other pleas of the defendants regarding the first two demands of the plaintiffs and upheld them as regards the demands numbers (3) (4) and (5) and thus upheld the first two demands of the plaintiffs and rejected the demands numbers (3) (4) and (5) and thus decided that the co-owners brothers Portelli are responsible for the necessary costs in order that the maintenance and repair works be carried out in the common parts (including the lift) of the said block of apartments.

.....Omissis.....

with the exception of the installation of the three phase lift service which is to be made at the expense of the defendant Francis Portelli because he removed the same.

.....Omissis.....

That the plaintiff felt aggrieved by the said judgment and is thus filing an appeal therefrom.

That the grievance is clear and manifest and consists in the following:

The facts

That when the present lawsuit was instituted the plaintiff was the owner of the two apartments internally marked one (1) and five (5) respectively forming part of a block of flats with the name Jofgal Court, 'A' in Mazzola Street, Buġibba and consisting in a block of six apartments, with the common parts, whilst the defendants George, Joseph and Francis Portelli were the owners of the other apartments.

.....Omissis.....

a) With the obligation that every four years with effect from the 1st January 1979 the common parts of the block are to be decorated as well as the facade of the same block which are to have the same colour scheme and which colour scheme can only be changed in case that there is the unanimous consent of the owners of the same flats and garages. With the obligation that the cost is to be borne by the co-owners prorata each one of them according to his share; in such a manner that from January to June of the year one thousand nine hundred and seventy nine the first decoration is to be carried out and afterwards the obligation shall be as above mentioned.

b) With the obligation that they pay their share of the repairs and maintenance of the lift in the block for which the firm Michael Vella Ltd, Blata l-Bajda had been appointed.

.....Omissis.....

L-Aggravji.

1. L-Ewwel Talba.

Illi rigward l-ewwel talba, għalkemm l-atturi appellanti jaqblu mad-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti illi l-komproprjetarji aħwa Portelli huma responsabbli għall-ispejjeż meħtieġa biex isiru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija fil-partijiet komuni bl-eċċezzjoni ta' l-istallar tat-three phase service għal-lift li għandha ssir a spejjeż tal-konvenut Francis Portelli u b'dan l-istess xogħlijiet kollha jsiru taħt superviżjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, a spejjeż ta' l-istess attur u l-konvenuti Francis, George, Joseph u Joanna Portelli pro rata; huwa qed jikkontestaha fir-rigward ta' żewġ punti: 1. Fl-ewwel lok joġġezzjona għall-fatt illi jkollu jbati l-ispejjeż tat-tiswija ta' l-items indikati bħala 5(1), (111), f'Dok SP 32 li jinkludu l-istallar ta' lift ġdid u għaldaqstant l-esponenti m'għandux jiġi kkundannat li jħallas din l-ispiża flimkien mal-konvenuti l-oħra indikati.

.....Omissis.....2) jikkontesta illi l-ispejjeż dwar l-ewwel żewġ talbiet attriċi, inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-2 ta' Novembru 1993, 30 ta' Ottubru 1995 u 11 ta' Jannar 1996 u ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Lulju 1996 jinqasmu bejn l-attur u l-erba' konvenuti Francis, George, Joseph u Joanna Portelli. Illi qed tiġi kkontesta wkoll id-deċiżjoni mogħtija fil-konfront ta' Dott. Frank Portelli, kif se jiġi indikat aktar l-isfel f'numru (3).

.....Omissis.....

2. It-tieni talba ta' l-attur.

Illi fir-rigward ta' din it-talba l-attur appellant qed jikkontesta l-ħatra tiegħu bħala amministratur tal-partijiet komuni tal-korp ta' beni Jofgal Court 'A'. Illi fl-ewwel lok qed jiġi rilevat illi mhux minnu kif indikat mill-ewwel Onorabbli Qorti illi l-konvenuti appellati dejjem ħallew f'idejh.

.....Omissis.....

Fit-tieni lok, l-attur appellanti ma jistax jaċċetta din il-kariga minħabba l-istat ta' saħħtu.

.....Omissis.....

3. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Dott. Frank Portelli u kkonkludiet illi skond id-dikjarazzjoni magħmula minnu u l-affidavit ippreżentat mill-istess, stante li m'għandu ebda sehem minn dan il-blokk ta' appartamenti, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

.....Omissis.....

The Grievances.

1. The First Demand.

That as regards the first demand, although the appellant plaintiff agrees with the decision of the Honourable Court of First Instance that the co-owners brothers Portelli are responsible for the necessary expenses in order that the maintenance and repair works in the common parts be carried out with the exception of the installation of the three phase service for the lift which is to be made at the expense of the defendant Francis Portelli and all these works are to be carried out under the supervision of Architect Valerio Schembri, at the expense of the same plaintiff and the defendants Francis, George, Joseph and Joanna Portelli pro rata; he is contesting as regards two points: 1. In the first place he objects to the fact that he has to bear the costs of the items indicated as 5(1), (111) in Doc SP 32 which includes the installation of a new lift and thus the applicant should not be condemned to pay this expense together with the other defendants indicated.

.....Omissis.....2) contests that the costs regarding the first two demands of the plaintiffs including those of the interpellatory letters of the 2nd November 1993, 30 October 1995 and 11th January 1996 and of the judicial letter of the 26th July 1996 be borne by the plaintiff the four defendants Francis, George, Joseph and Joanna Portelli. That the decision given regarding Dr Frank Portelli is also being contested as shall be indicated later in number (3).

.....Omissis.....

2. The second demand of the plaintiff.

That as regards this demand the plaintiff appellant is contesting his appointment as administrator of the common parts of the block of building Jofgal Court 'A'. That in the first place it is being pointed out that it is not the case as indicated by the Honoruable Court of First Instance that the respondent defendants always appointed him.

.....Omissis.....

In the second place, the plaintiff appellant cannot accept this appointment due to the state of his health.

.....Omissis.....

3. That the Honourable Court of First Instance upheld the first plea of the defendant Dr Frank Portelli and concluded that according to a declaration made by him and the affidavit filed by the same, since he had no share of this block, he should be freed from the observance of the judgment.

.....Omissis.....

4. Dwar it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi.

Illi l-ewwel ...Onorabbli Qorti ċaħdet it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi għad-danni għaliex skond l-ewwel Onorabbli Qorti d-danni allegati mill-attur ma ġewx ippruvati li ġew ikkawżati mill-konvenut u fil-fatt ma ġiex ippruvat inness ta' kawżalità neċessarju essenzjali sabiex il-konvenuti jew uħud minnhom jiġu kkundannati skond kif mitlub mill-attur.

.....Omissis.....

Illi fost id-danni indikati mill-esponenti hemm indikat it-telf ta' kera tal-flats appartenti lilu.

.....Omissis.....

Illi l-Qorti kkonkludiet ukoll illi l-attur appellanti nnifsu ma ħax il-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex jimminimizza l-ħsara li kienet qed issir. Illi bir-rispett kollu dan mhux minnu. L-attur appellanti dejjem ħa l-passi kollha li kienu possibbli għalih sabiex jimminimizza dawn id-danni u dan billi dejjem informa lil ħutu... b'dak li kellu bżonn isir, iżda ħutu dejjem injorawh.

.....Omissis.....

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fissens li fil-waqt li tiġi konfermata fir-rigward ta' l-ewwel talba in kwantu ppronunzjat illi l-komproprejtarji Portelli huma responsabbli għall-ispejjeż meħtieġa biex isiru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija fil-partijiet komuni, bl-eċċezzjoni ta' l-istallar tat-three phase service għal-lift li għandha ssir a spejjeż tal-konvenut Francis Portelli, peress li huwa kien qala' l-istess u b'dan li l-istess xogħlijiet kollha jsiru taħt supervizjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, a spejjeż ta' l-istess attur u l-konvenuti Francis, George, Joseph u Joanna Portelli pro rata, u dwar it-tieni talba tiġi konfermata in kwantu laqgħet din it-talba ta' l-attur iżda tirrevoka din is-sentenza appellata kif jingħad fir-rikors ta' l-appell.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

Notifika lil: Joanna Portelli,19/2, Tignè Sea Front, Tas-Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 25 ta' Novembru 2004.

ALBERT J. PORTELLI
Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

4. Regarding the third, fourth and fifth demands of the plaintiffs.

That the Honourable First Court rejected the third, fourth and fifth demands of the plaintiff for damages because according to the Honourable First Court the damages alleged by the plaintiff were not proved to have been caused by the defendants in fact the causal link necessary was not proved in order that the defendants or either of whom be condemned as demanded by the plaintiff.

.....Omissis.....

That amongst the damages indicated by the appellant there is indicated the loss of rent of the flats belonging to him.

.....Omissis.....

The Court concluded that the plaintiff appellant himself did not take the necessary precautions to minimize the damage which was being caused. That with all respect this is not the case The plaintiff appellant. always took the necessary action to minimize these damages as he always informed his brothers, with that which was to be made, but his brothers always ignored him.

.....Omissis.....

Thus the appellant prays with respect that this Honourable Court reforms the judgment appealed in the sense that whilst confirming it as regards the first demand in so far as it decided that the coowners Portelli are responsible for the necessary costs to carry out the maintenance and repair works in the common parts, with the exception of the installation of the three phase service for the lift which is to be carried out the expense of the defendant Francis Portelli, as he had removed the same and the same works under to be carried out under the supervision of Architect Valerio Schembri, at the expense of the plaintiff and defendants Francis, George, Joseph and Joanna Portelli pro rata, and regarding the second demand be confirmed in so far as it upheld the demand of the plaintiff but revoke the judgment appealed as stated in the application of appeal.

With costs for bothinstances against the defendants.

Notify: Joanna Portelli, 19/2, Tigne Sea Front, Sliema.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 25th November 2004.

ALBERT J. PORTELLI
Assistant Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Novembru 2004, Ċit. Numru 1243/95GCD fl-ismijiet: Joseph u Maria konjugi Borg u b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2002, stante l-mewt ta' Maria Borg, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Josephine, Jennifer u Charlotte aħwa Borg vs Diomede sive Amadeo Cassar, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront tal-konvenut Diomede sive Amadeo Cassar a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' risposta ippreżentata, fil-Qorti ta' l-Appell, Ċitaz. Numru 1243/95GCD Dec. Joseph u Maria konjugi Borg; u b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2002, stante l-mewt ta' Maria Borg, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Josephine, Jennifer u Charlotte aħwa Borg, l-interpellanti esponew bir-rispett;

Illi s-sentenza appellata hija ġusta salv dak li ser jingħad fl-anness appell inċidentali u salv l-aggravji ta' l-appellat mogħtija aktar l-isfel timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti u l-aggravji ta' l-appellant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu u dan għas-segwenti raġunijiet:

Illi l-appellant ressaq żewġ aggravji, aggravju dwar il-kundanna ta' ħlas ta' arretrati ta' dawl u ilma u aggravju ieħor dwar kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond.

Illi dwar l-ewwel aggravju ftit hemm xi tgħid;

Illi jirriżulta kjarament mill-verbal indikat mill-ewwel Qorti ossia dak tad-9 ta' Ottubru 1998 (fol.54) illi l-ammont ta' arretrati ta' dawl u ilma pretiżi mill-attur ma kienitx qed tiġi kkontestata.

.....Omissis.....

Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti bbażaw is-sottomissjonijiet tagħhom fuq il-fatt illi l-okkupazzjoni tal-konvenut ma kienitx waħda illegali u abbużiva u li hu kien 'guest' ta' ċertu Mary Anne Attard. Bir-rispett kollu dawn iż-żewġ sottomissjonijiet huma rrelevanti. Irriżultaw żewġ fatti ta' importanza 1) illi l-konvenut okkupa l-fond minn Mejju ta' l-1992 sa l-24 ta' Mejju 1995 u 11) ta' din l-okkupazzjoni ma thallset l-ebda kera però din il-kera l-konvenut kien jgħaddiha lill-avukat tiegħu li kien jiddepositaha il-Qorti.

.....Omissis.....

Kif jirriżulta mill-provi l-proċeduri ta' żgumbrament inizzjati minn sid il-fond cioè l-atturi kellhom suċċess. Dan

It is hereby notified that the Court of Appeal, by means of a decree given on the 23rd November 2004, Writ of Summons Number 1243/95GCD in the names: Joseph and Maria spouses Borg and by decree of the 21st June 2002, following the death of Maria Borg, the records were transferred in the name of Josephine, Jennifer and Charlotte sisters Borg vs Diomede sive Amadeo Cassar, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Diomede sive Amadeo Cassar in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a reply filed in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 1243/95GCD Dec. Joseph and Maria spouses Borg, and by decree of the 21st June 2002, following the death of Maria Borg, the records of the case were transferred in the name of Josephine, Jennifer and Charlotte sisters Borg, the interpellants pleaded with respect;

That the judgment appealed is just saving what shall be said in the attached incidental appeal and saving the grievances of the respondent later on brought forward, merits to be confirmed by this Honourable Court and the grievances of the appellant are to be rejected with costs against him and this for the following reasons:

That the appellant brought forward two grievances, a grievance regarding the condemnation to pay the arrears of electricity and water and another grievance regarding the compensation for the occupation of the premises.

Regarding the first grievance there is little to be said;

That it results clearly from the minutes indicated by the Court of First Instance or rather that of the 9th October 1998 (fol.54) that the amount of arrears of electricity and water demanded by the plaintiff was not being contested.

.....Omissis.....

In their second grievance the appellants based their submissions on the fact that the occupation of the defendant was not illegal and abusive and that he was a guest of a certain Mary Anne Attard. With all respect these two submissions are irrelevant. Two important facts resulted 1) that the defendant occupied the premises from May 1992 to the 24th May 1995 and 11) for this occupation no rent was paid however this rent had been passed by the defendant to his lawyer who had deposited it in Court.

.....Omissis.....

As results from the proof the procedures for eviction initiated by the owner of the premises that is the plaintiffs

ifisser illi l-atturi kellhom id-dritt jirrifjutaw il-kera sabiex (kif ġustament qalet l-ewwel Qorti) ma jippreġudikawx il-posizzjoni tagħhom. Dan għandu bħala konsegwenza l-fatt illi l-atturi għandhom id-dritt jitħallsu l-ammont kollu ta' kera mingħajr tnaqqis li ġġib magħha l-proċedura ta' depositu taħt l-Awtorità tal-Qorti. Kwindi għandhom id-dritt għall-kera sħiħa tul il-perjodu kollu liema kera kif ġustament ikkalkulat mill-ewwel Qorti jammonta għal Lm925.

Finalment l-atturi ma jistgħux jikkummentaw dwar il-fatt illi l-konvenut jipprova jpinġi lilu nnifsu bħala l-vittma u jagħti l-impressjoni illi l-atturi rrovinawlu r-relazzjoni li kellu ma' l-ex-għarusa tiegħu.

.....Omissis.....

Appell Inċidentali:

Illi l-atturi appellati ppresentaw ċitazzjoni fejn ippremettew is-segwenti:

Illi l-konvenut, bla ma kellu jedd u kontra l-liġi, kien qiegħed jokkupa l-appartament numru tlieta (3), Suncrest Court, Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar, proprejtà ta' l-atturi minn Mejju ta' l-1992 sa' l-24 ta' Mejju 1995, meta radd iċ-ċavetta tal-fond wara sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' April 1995 fl-ismijiet Joseph Borg versus Amadeo Cassar.

Meta l-atturi daħlu fil-fond minnufih wara li ntradditilhom iċ-ċavetta sabu ħafna ħsara kemm fil-fond kif ukoll fil-ħwejjeg mobbli u fl-għamara ta' ġo fih.

Il-konvenut ukoll ma ħallasx kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond u ħalla mhux imħallsa kontijiet ta' dawl u ilma ta' l-aħħar xhur li hu dam fil-fond.

L-atturi għalhekk talbu lill-ewwel Qorti:

1. tgħid illi l-konvenut għandu jħallas lill-atturi:

a) kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond minn Mejju ta' l-1992 sa' l-24 ta' Mejju 1995;

b) id-danni li ġarrbu l-atturi tal-ħsara fil-fond u fil-ħwejjeġ mobbli ta' ġo fih waqt li kien f'idejn il-konvenut; u

ċ) għall-kontijiet ta' dawl u ilma taż-żmien meta hu kien jokkupa l-fond;

2. tillikwida:

a) il-kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond minn Mejju ta' l-1992 sa' l-24 ta' Mejju 1995;

were successful. This means that the plaintiffs had the right to refuse the rent so that (as justly upheld by the Court of First Instance) they do not prejudice their position. This has as consequence the fact that the plaintiffs have the right to be paid all the amount of rent without deductions as happens when the procedure of deposit under the Authority of the Court is followed. Thus they have the right for all the rent during all the period which rent as justly calculated by the Court of First Instance amounts to Lm925.

Finally the plaintiffs cannot comment regarding the fact that the defendant tried to portray himself as a victim and give the impression that the plaintiffs ruined the relationship which he had with his ex-girlfriend.

.....Omissis.....

Incidental Appeal:

That the respondent plaintiffs filed a writ of summons where they premised the following:

That the defendant, without any right and against the law, was occupying the apartment number three (3), Suncrest Court, Alka Street, Saint Paul's Bay, property of the plaintiffs between May of 1992 till the 24th May 1995, when he returned the key of the premises following the judgment of the Court of Appeal (Inferior Appeals) on the 25th April 1995 in the names Joseph Borg versus Amadeo Cassar.

When the plaintiffs entered the premises immediately after the key was given to them they found a lot of damages in the premises as well as in the movables and furniture inside.

The defendant did not pay the compensation for the occupation of the premises and left unpaid the electricity and water bills for the last months he was in the premises.

The plaintiffs thus asked the Court of First Instance:

1. to state that the defendant is to pay the plaintiffs:

a) compensation for the occupation of the premises from May of 1992 to the 24th May 1995;

b) the damages suffered by the plaintiffs in the premises and in the movables inside whilst it was in the possession of the defendant; and

c) for the electricity and water bills for the period when he occupied the premises;

2. liquidate:

a) the compensation for the occupation of the premises from May 1992 till the 24 th May 1995;

b) id-danni li ġarrbu l-atturi tal-ħsara fil-fond u fil-ħwejjeġ mobbli ta' ġo fih waqt li kien f'idejn il-konvenut; u

ċ) il-kontijiet ta' dawl u ilma taż-żmien meta hu kien jokkupa l-fond;

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somom hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-8 ta' Ġunju 1995.

Il-konvenut appellant ressaq dawn l-eċċezzjonijiet;

1. hu ma għamel ebda ħsara fil-fond;

2. hu dejjem ħallas il-kera skond il-liġi, iżda kien jiddepożita l-kera taħt l-awtorità tal-Qorti billi l-atturi ma ridux jaċċettaw il-ħlas;

3. hu ħallas kull kont ta' dawl u ilma li kien imiss lilu biss; u

4. għalhekk it-talbiet kollha ta' l-atturi għandhom jiġu miċħuda.

Illi b'sentenza tal-5 ta' Mejju 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Imħallef G. Caruana Demajo fl-ismijiet premessi ċaħdet it-talba għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni għall-ħsara, laqgħat it-talba għall-ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond minn Mejju 1992 sa' l-24 ta' Mejju 1995 u laqgħat ukoll it-talba għall-ħlas tal-kont tad-dawl u ilma.

Illi l-attur appellat ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza u qed jinterponi umli appell inċidentali.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-atturi appellati qed jappellaw biss minn dik il-parti tas-sentenza fejn ġew miċħuda t-talbiet tagħhom għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni stante ħsarat magħmula fil-fond in kwistjoni mill-konvenut appellant.

Illi l-ewwel Qorti ċaħdet dawn it-talbiet għaliex ħadet l-impressjoni illi l-atturi appellati kienu qed jippruvaw jiffalsifikaw xi rċevuti sabiex jippruvaw jitħallsu minn fuq dahar il-konvenut spejjeż magħmula minnhom li l-konvenut ma kellux x'jaqsam magħhom. L-atturi appellati però jissotomettu umilment illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi.

.....Omissis.....

Jingħad ukoll umilment illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta, minħabba dan id-dubju iddeċidiet li tiskarta

b) the damages suffered by the plaintiffs in the premises and in the movables inside whilst it was in the possession of the defendant; and

c) the electricity and water bills for the period when he occupied the premises;

3. condemn the defendant to pay the plaintiffs the sums so liquidated, together with costs amongst which those of the interpellatory letter of the 8th June 1995.

The defendant appellant brought forward these pleas;

1. that he did not cause any damage in the premises;

2. that he always paid the rent according to law, but had deposited in the rent under the authority of the Court as the plaintiffs did not want to accept payment;

3. he paid every electricity and water bill which was due by him; and

4. thus all the plaintiff's demands are to be rejected.

That by a judgment of the 5th May 204 in the First Hall of the Civil Court presided by the Hon. Mr Justice G. Caruana Demajo, in the names premised rejected the demand for the liquidation and payment of damages, upheld the demand for the payment of compensation of the premises from May 1992 to the 24th May 1995 and upheld the demand for payment of the electricity and water bill.

That the respondent plaintiff felt aggrieved by this judgment and is humbly filing an appeal therefrom.

That the grievances are clear and manifest and consist in the following:

That the respondent plaintiffs are appealing only from that part of the judgment were their demands for the liquidation and payment of damages made in the premises in question by the defendant appellant.

That the Court of First Instance rejected these demands because it was under the impression that the respondent plaintiffs tried to falsify some receipts in order to be paid at the expense of the defendant for expenses incurred by them with which the defendant had no connection. The respondent plaintiffs however humbly submit that the Court of First Instance made a wrong evaluation of the proof.

.....Omissis.....

It is also humbly submitted that the Court of First Instance was mistaken, when due to this doubt the Court avoided

kompletament il-pretenzjonijiet kollha ta' l-atturi dwar danni subiti. Id-danni l-oħra elenkati fil-prospett esebit mill-atturi kellhom jirriżultaw ġustifikati. Wara kollox l-atturi rnexxielhom juru illi l-fond kien fi stat diżastruz meta ħareġ mill-fond il-konvenut, tant li ċertu affarijiet kienu rvinati b'mod illi dehru li l-konvenut għamel att ta' vendetta fuq il-fond in kwistjoni qabel telaq. Issir referenza f'dan ir-rigward għax-xhieda tat-tifla ta' l-atturi, Charlotte Sammut u l-għarus tagħha Robert Sammut. Issir referenza wkoll għax-xhieda mogħtija mill-attriċi speċjalment ix-xhieda tagħha bl-affidavit fejn spjegat fid-dettall il-pretensjonijiet tagħha rigwardanti l-ħsarat.

Għaldaqstant l-appellanti jitlobu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza tal-5 ta' Mejju 2004 mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Imħallef G. Caruana Demajo, fl-ismijiet premessi, fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha fejn din:

1. laqgħat it-talba għall-ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond minn Mejju 1992 sa' l-24 ta' Mejju 1995.

11. laqgħet ukoll it-talba għall-ħlas tal-kont tad-dawl u ilma.

111. Illikwidat il-kumpens għall-okkupazzjoni fis-somma ta' Lm35.56, b'kollox Lm960.36 u kkundannat lill-konvenut iħallas Lm960.36.

tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn din ċaħdet it-talbiet għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni konsistenti fi ħsara fil-fond u fil-ħwejjeġ mobbli ta' ġo fih waqt li kien f'idejn il-konvenut u konsegwentement tilqa' l-istess talbiet u tillikwida d-danni dovuti lill-attur u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni likwidati, jew alterattivament tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tillikwida d-danni dovuti lill-attur u sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni likwidati mill-ewwel Qorti;

u finalment tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha wkoll fejn l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-ispejjeż jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u minflok tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu tal-konvenut appellant.

Konvenut Appellant: Diamede sive Amedeo Cassar
Dolphin Court 5,
Triq l-Imħar,
Qawra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 26 ta' Novembru 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

completely the claims brought forward by the plaintiffs for damages suffered by him. The other damages list in the prospect exhibited by the plaintiffs were justified. After all the plaintiffs managed to show that the premises was in a disastrous state when the defendant left the premises, so much so that certain things were ruined as it appeared that the defendant had made an act of vendetta on the said premises before he left. Reference in this regard is to be made to the evidence of the plaintiff's daughter, Charlotte Sammut and her boyfriend Robert Sammut. Reference is also made to the evidence given by the plaintiff especially her evidence by affidavit whereby she explained in detail her claims regarding the damages.

Thus the appellants humbly ask that this Honourable Court varies her judgment of the 5th May 2004 given by the First Hall Civil Court presided by the Hon. Mr Justice G. Caruana Demajo, in the names premised, in the sense that whilst confirming it whereby:

1. the demand for the payment of compensation for the occupation of the premises from May 1992 till the 24th May 1995 was upheld.

11. upheld the demand for payment of the electricity and water bill.

111. liquidated the compensation for the occupation in the sum of Lm35.56, in all Lm960.36 and condemned the defendant to pay Lm960.36.

revoke and cancel it, where the demand for the liquidation and payment of damages consisting in damage to the premises and movables inside it whilst it was in the possession of the defendant and consequently uphold the same demands and liquidate the damages due to the plaintiff and condemn the defendant to pay the damages so liquidated or alternatively send the records back to the Court of First Instance to liquidate the damages due to the plaintiff and condemn the defendant to pay the damages so liquidated to the Court of First Instance;

and finally cancel and revoke it where the Court of First Instance decided that the costs be paid in half between the parties and instead ordered that the costs of both instances be borne by the defendant appellant.

Respondent Defendant: Diamede sive Amedeo Cassar
Dolphin Court 5,
Triq l-Imħar,
Qawra.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 26th November 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	Lm 2.00c
Child Protection – Procedures for Schools	Lm 1.50c
Geological Maps of Malta	Lm 7.00c
Geological Maps of Gozo	Lm 5.00c
Geological Maps of Malta and Gozo	Lm10.00c
Il-Bennej	Lm 3.50c
Il-Ġaħan ta' Binġemma	Lm 2.00c
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	Lm 1.00c
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	Lm 1.00c
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	Lm 1.00c
Santo Spirito Hospital	Lm 2.00c
Syllabus for the Primary School – Years 4,5 and 6	Lm 1.00c

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

Agriculture and Fisheries 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
A Window on the World of Work	Lm 2.00c
Abstract of Statistics 2000	Lm 5.00c
Benchmarking Malta in Europe	Lm 3.00c
Children	Lm 3.00c
Culture Statistics	Lm 2.00c
Demographic Review 2002	Lm 3.00c
Education Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Environment Statistics	Lm 4.00c
Household Budgetary Survey	Lm 8.00c
Kultura 2000 - A Survey On Cultural Participation	Lm 3.00c
Malta in Figures 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
National Accounts of the Maltese Islands 1999	Lm 3.00c
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	Lm 4.00c
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	Lm 2.00c
Sports Organisations 2000 – 2002	Lm 3.00c
Survey on ICT Usage in Households 2002	Lm 2.00c
Trade Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 5.00c
Transport Statistics 2004 (CD Rom)	Lm 2.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2003 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Acts of Parliament passed during 2003 (in print form)	Lm 8.00c
Annual Reports of Government Departments – 2003	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Document	Lm 3.00c
Diskors tal-*Budget* 2005	Lm 1.00c
Economic Survey January - September 2004	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2004	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2004	Lm31.18c
Estimates 2005	Lm 2.00c
Financial Report 2003	Lm 2.50c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kulturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices 2003 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Broadcasting Policy	no charge
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2002	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2003	Lm20.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2003	Lm 3.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable (in print form)	Lm 4.00c
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable on compact disc (CD)	Lm 4.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2003	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*